

Brussell, 14 ta' Frar 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0004 (NLE)

5761/23
ADD 1

COEST 76
ECOFIN 75
JAI 96
COPEN 23
MI 71

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-UKRAJNA fir-rigward tal-emenda tal-Anness XLIV għall-Ftehim ta' ASSOĊJAZZJONI bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru .../2023 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI
BEJN L-UE U L-UKRAJNA**

ta' ...

**fir-rigward tal-emenda tal-Anness XLIV għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom,
minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-UKRAJNA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 463 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra¹ ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Il-Preambolu għall-Ftehim jirrikonoxxi x-xewqa tal-Partijiet li jmexxu r-riforma u l-proċess ta' approssimazzjoni 'l quddiem fl-Ukrajna, u b'hekk jikkontribwixxu għall-integrazzjoni ekonomika gradwali u l-appfondiment tal-assoċjazzjoni politika, kif ukoll għall-kisba ta' integrazzjoni ekonomika permezz ta' approssimazzjoni regolatorja estensiva.
- (3) L-Artikolu 1(1), il-punt (d), tal-Ftehim jirreferi għall-objettiv li jiġu appoġġati l-isforzi tal-Ukrajna biex titlesta t-tranżizzjoni għal ekonomija tas-suq li tiffunzjona, inter alia, permezz tal-approssimazzjoni progressiva tal-leġiżlazzjoni tagħha ma' dik tal-Unjoni.
- (4) Skont l-Artikolu 459(1) tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jimplimentaw assistenza f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u jikkooperaw biex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE u tal-Ukrajna kif stabbilit inhu fl-Anness XLIII għall-Ftehim. Il-Partijiet għandhom jieħdu miżuri effettivi biex jipprevjenu u jiġġieldu l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, fost l-oħrajn, permezz ta' assistenza amministrattiva reċiproka u assistenza legali reċiproka fl-oqsma koperti mill-Ftehim.

¹ ĠU UE L 161, 29.5.2014, p. 3.

- (5) Skont l-Artikolu 459(2) tal-Ftehim, l-Ukrajna għandha wkoll gradwalment tqarreb il-leġislazzjoni tagħha mad-dispożizzjonijiet kif stabbiliti fl-Anness XLIV għall-Ftehim.
- (6) L-Artikolu 474 tal-Ftehim jipprevedi l-impenn ġenerali tal-Ukrajna li twettaq l-approssimazzjoni gradwali tal-leġislazzjoni tagħha mal-liġi tal-UE, abbażi ta' impenji identifikati, fost l-oħrajn, fit-titolu VI tal-Ftehim. L-impenji li jikkonċernaw l-approssimazzjoni gradwali tal-leġislazzjoni Ukrena għal-liġi tal-Unjoni identifikati fit-titolu VI tal-Ftehim jinkludu il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u tal-Ukrajna fil-kuntest tal-assistenza finanzjarja pprovduta permezz tal-mekkaniżmi u l-istrumenti ta' finanzjament rilevanti tal-UE sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet, il-kapaċitajiet settorjali u l-progress tal-Ukrajna bir-riformi.
- (7) Skont l-Artikolu 463(1) u (3) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet bil-għan li jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim. B'mod partikolari, jista' jaġġorna jew jemenda l-Annessi għall-Ftehim, filwaqt li jqis l-evoluzzjoni tal-liġi tal-UE u l-istandards applikabbli stabbiliti fi strumenti internazzjonali meqjusa rilevanti mill-Partijiet.

- (8) Minn mindu ġew konklużi n-negozjati għall-Ftehim, il-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, li d-dispożizzjonijiet tiegħu ġew inkorporati fl-Anness XLIV għall-Ftehim, ġiet sostitwita bid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, u għalhekk inbidlu wkoll l-impenji tal-Ukrajna previsti permezz tal-implimentazzjoni tal-Ftehim. Jeħtieġ li daww l-emendi tal-liġi tal-UE jiġu riflessi fl-Anness XLIV għall-Ftehim, li għalhekk irid jiġi emendat.
- (9) Għaldaqstant il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jemenda l-Anness XLIV għall-Ftehim u jaġġusta l-iskadenza għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija f'dak l-Anness sabiex jitqiesu l-emendi l-ġodda tal-liġi tal-UE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU UE L 198, 28.7.2017, p. 29).

Artikolu 1

L-Anness XLIV għall-Ftehim huwa sostitwit bl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Il-President

ANNEX

“ANNEX XLIV GĦAT-TITOLU VI KOOPERAZZONI FINANZJARJA, B'DISPOŻIZZJONIJIET KONTRA L-FRODI

L-Ukrajna tassumi l-impenn li gradwalment tqarreb il-leġiżlazzjoni tagħha għal-leġiżlazzjoni li ġejja tal-UE fi żmien perjodi stipulati:

Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali¹:

- Artikolu 3 – Frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;
- Artikolu 4 – Reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;
- Artikolu 6 – Responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi;
- Artikolu 7 – Sanzjonijiet fir-rigward ta' persuni fiżiċi;
- Artikolu 9 – Sanzjonijiet fir-rigward ta' persuni ġuridiċi;
- Artikolu 12 – Perjodi ta' limitu għal reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

L-iskeda taż-żmien: dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu implimentati sal-31 ta' Diċembru 2023.”.

¹ ĠU UE L 198, 28.7.2017, p. 29.